# V.DA KONFRATERNITA

# TAL-B.V.M TAL-KARMELU

**A.D. 1801**



5 ta' Marzu 2010

Għeżież Fratelli,

Ninsabu fiż-żmien tar-Randan li matulu il-fratellanza tagħna tieħu sehem f'dawn il-purċissjonijiet:

1. **Il-Ħadd 21 ta' Marzu**: Festa tar-Redentur fir-residenza ta' l-anzjani 'St Vincent de Paule'. **Fid-9.00 am** tibda l-quddiesa u wara jkun hemm purċissjoni. Niltaqgħu ħdejn il-kappella li qiegħda fil-blokk 'Rużar Briffa'.
2. **Il-Ġimgħa 26 ta' Marzu**: Festa tal-Madonna tad-Duluri. Il-purċissjoni tibda ħierġa għall-ħabta **tas-6.00 pm**.
3. **Il-Ħadd 28 ta' Marzu**: Ħadd il-Palm. **Fid-9:15 am** issir il-funzjoni tat-tberik tal-palm u ż-żebbuġ. Wara jkun hemm purċissjoni qasira.

Nhar **l-Erbgħa 7 t'April** nagħtu bidu għas-Seba' Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu. Fis-6:00 pm jingħad ir-Rużarju u wara toħroġ il-quddiesa li matulha Patri Joseph Zahra O.P ikellimna dwar il-virtujiet ta' Marija Santissma. Wara jkun hemm Ċelebrazzjoni Marjana fuq l-artal tal-Madonna u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali.

Infakkarkom li din is-sena l-professjoni ta' fratelli ġodda se ssir nhar it-**Tlieta 20 ta' Lulju**. Għaldaqstant dawk li jixtieqi jipprofessaw jew għandhom bżonn ta' kunfratija u muzzetta ġdida għandhom jikkuntattjaw lil xi membru tal-kumitat mill-aktar fis possibbli. Importanti li kull min bi ħsiebu jipprofessa fil-fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu jattendi għal-laqgħat organizzati mit-Terzjarji Karmelitani. Dawn il-laqgħat jinżammu kull l-ewwel Erbgħa ta' kull xahar fiċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali.

Nagħlaq billi, f'isem il-kumitat kollu nawgura lilkom u lill-familja tagħkom **l-Għid it-Tajjeb.**

**Dejjem Tagħkom,**

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**


**FRATELLANZA TAL-B.V.M. TAL-KARMELU IMWAQQFA FL-1801 - PARROĊĊA ŻURRIEQ**
RETTUR - FRANCIS FARRUGIA TEL : 21641358 • MOB : 79479119
SEGRETARJU - JOSEPH BUHAGIAR TEL : 21647403 • MOB : 99488262